

Brussell, 28 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14463/22

DEVGEN 198
COHAFA 100
PROCIV 137
RELEX 1484
ACP 120
ENV 1119
MIGR 340
CLIMA 578
COPS 533
SUSTDEV 189
ONU 133

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	28 ta' Novembru 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13834/22
Suġġett:	Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fl-azzjoni esterna tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (28 ta' Novembru 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fl-azzjoni esterna tal-UE, kif approvati mill-Kunsill fit-3914 laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Novembru 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri fl-azzjoni esterna tal-UE

1. **Il-Kunsill jirrikonoxxi** li d-diżastri, it-telf uman, ekonomiku u ambjentali relatat magħhom u l-vulnerabbiltajiet sottostanti li jikkawżaw riskju u fraġilità, bħal kunflitti, faqar u inugwaljanzi, qed jiżdiedu hekk kif l-ekosistemi u l-ħabitats jinsabu f'riskju li jċedu. L-impatt ta' xokkijiet globali bħad-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima, kunflitti armati, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u t-theddid għas-saħħa, bħall-pandemija tal-COVID-19, juru n-natura interkonnessa u sistemika tar-riskju tal-lum kif ukoll il-potenzjal tiegħu li jevolvi f'diżastri b'effetti kaskata f'żoni ġeografiċi u setturi differenti, u jxekkel l-iżvilupp tal-bniedem.
2. **Il-Kunsill jisħaq fuq** l-importanza ta' data xjentifika u valutazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima u l-perikli li jirriżultaw minnu, l-implikazzjonijiet u l-impatti tiegħu, bħaż-żieda ta' perikli klimatiċi u perikli oħra, kif ukoll l-adattament u l-mitigazzjoni, il-protezzjoni u għażliet oħra mressqa mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima tan-Nazzjonijiet Uniti (NU). Sabiex jitwettqu dawn l-aġendi globali huwa meħtieġ aċċess imtejjeb għall-osservazzjoni tad-dinja, inkluż data bbażata fuq l-ispazju u l-infrastruttura relatata, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet partikolari tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Kunsill jisħaq ukoll fuq il-valur komplementari tal-għarfien u l-prattiki lokali u tradizzjonali.
3. Eventi ta' temp estrem u eventi li jevolvu bil-mod, li huma aggravati mit-tibdil fil-klima, qed isiru aktar frekwenti u intensi u, meta magħhom jiżdiedu d-degradazzjoni ambjentali, il-vulnerabbiltà u sitwazzjonijiet ta' esponiment, iżidu r-riskju ta' telf uman, materjali u naturali, li jwassal għal żieda fil-ħtiġijiet umanitarji, ta' adattament u ta' żvilupp, u jkompli jkabbar id-distakk fil-finanzjament tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Ekosistemi degradati jistgħu jwasslu għal kompetizzjoni u kunflitti fuq riżorsi skarsi, b'mod partikolari l-art u l-ilma. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti ta' żieda fl-isforzi ta' adattament, b'mod partikolari peress li anke jekk jitwaqqfu l-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra, xorta ser ikun hemm impatti klimatiċi.

4. **Il-Kunsill jieħu nota** tal-prijorità li l-Unjoni Ewropea tat b'mod espliċitu lit-tranżizzjoni ekoloġika u lill-protezzjoni tal-bijodiversità skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-oġettiv tan-newtralità klimatika msemmi fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima, kif ukoll l-ambizzjoni, appoġġata mill-Pakkett għall-Irkupru, għal Ewropa aktar ekoloġika u aktar reżiljenti li tkun mġhammra aħjar biex tiffaċċa l-isfidi attwali u futuri, inkluż fl-azzjoni esterna tagħha. **Il-Kunsill ifakkar** fil-konklużjonijiet tal-Kunsill i) tat-3 ta' Ġunju 2021 dwar it-tiswir ta' Ewropa reżiljenti għall-klima – l-Istrateġija l-għdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, ii) tad-19 ta' Novembru 2021 dwar l-ilma fl-azzjoni esterna tal-UE, iii) tat-23 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tat-tnejn, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri, u iv) tat-3 ta' Marzu 2022 dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat-tibdil fil-klima.
5. **Il-Kunsill jirrikonoxxi** l-importanza ta' tnaqqis effettiv tar-riskju ta' diżastri (DRR), azzjoni antiċipatorja u żvilupp li jkun konxju tar-riskji biex jiġu salvati l-ħajjiet u jiġu ppreservati l-benesseri u d-dinjità, jitnaqqsu l-ħtiġijiet umanitarji, isir adattament għat-tibdil fil-klima, u jinkisbu żvilupp sostenibbli u t-tisħiħ tar-reżiljenza, speċjalment fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDC) u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS), sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura.
6. **Il-Kunsill jisħaq fuq** l-importanza li t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, inkluż eventi ta' temp estrem (għal għarrieda) u eventi li jevolvu bil-mod, jiġu evitati, minimizzati u indirizzati u jenfasizza r-rwol tal-iżvilupp sostenibbli, id-DRR, il-Ġestjoni Integrata tar-Riżorsi tal-Ilma (IWRM), l-azzjoni klimatika u l-azzjoni antiċipatorja biex jitnaqqas ir-riskju ta' telf u ħsara. Is-sistemi u l-infrastrutturi tal-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma, inkluż dawk relatati mal-ilma, is-sanità u l-igiene (WASH), għandhom ikunu aktar reżiljenti u newtrali għall-klima.
7. **Il-Kunsill jirrikonoxxi** r-rabtiet bejn il-fraġilità, il-kunflitt u d-diżastri. F'kuntesti fraġli u milquta minn kunflitti, id-diżastri jistgħu jintensifikaw il-kawżi sottostanti tal-fraġilità u l-kunflitti u jiddestabbilizzaw il-prospetti għal irkupru sostenibbli u għall-paċi. Il-proċessi parteċipatorji u inklużivi tad-DRR u l-azzjoni antiċipatorja f'konformità mar-rabta tripla bejn l-għajnuna umanitarja, l-iżvilupp u l-paċi (HDP) jistgħu jservu bħala għodda għall-konsolidazzjoni tal-paċi fejn jinteraġixxu d-diżastri u l-kunflitti, filwaqt li l-miżuri għall-prevenzjoni ta' kunflitti huma essenzjali għal ambjent li jwassal għal DRR. Il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi integrata evalwazzjoni multidimensjonali tar-riskju, ir-reżiljenza u s-sensittività għall-kunflitti fl-analiżi tal-kuntest, l-ippjanar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' azzjoni konġunta fil-pajjiżi sħab, b'kont meħud tal-għodod ta' valutazzjoni multidimensjonali tal-UE kif ukoll l-aħjar Prattiki minn għodod speċifiċi tad-DRR¹.

¹ Pereżempju CADRI.

8. **Il-Kunsill jirrikonoxxi** li l-inugwaljanzi u l-faqar ikollhom impatti differenti f'termini ta' diżastri u jenfasizza li sabiex ikun hemm DRR effettiv jeħtieġ li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura u li jiġi integrat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tinżamm enfasi inklużiva fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tat-tfal, l-età u d-diżabbiltà matul l-istadji kollha tal-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tad-DRR, kif ukoll parteċipazzjoni sħiħa, ekwa u sinifikattiva. Għal dan l-għan, għandha tintuża data diżaggregata u għandha tiġi żgurata l-komparabbiltà tagħha.
9. **Il-Kunsill jafferma mill-ġdid** li l-Azzjoni Esterna tal-UE dwar id-DRR għandha tkun allinjata mal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGs, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 u l-miri globali tiegħu, u l-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet fit-tul u l-qafas ta' implimentazzjoni tiegħu, u li din għandha tikkontribwixxi għat-twettiq tagħhom.
10. **Il-Kunsill jilqa'**
- a. L-"Aġenda ta' Bali għar-Reżiljenza" bħala l-eżitu tas-Seba' Sessjoni tal-Pjattaforma Globali għad-DRR (23-28 ta' Mejju 2022)² u l-"Pjan Direzzjonali tal-Forum Ewropew għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri għal reġjun Ewropew u tal-Asja Ċentrali reżiljenti għad-diżastri sal-2030" bħala l-eżitu tal-Pjattaforma Reġjonali Ewropea għad-DRR (25-26 ta' Novembru 2021)³.
 - b. Il-konklużjonijiet tar-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tal-2022 dwar id-DRR⁴ u s-sejħa għal azzjoni biex i) jitkejjel dak li nġhożzu, ii) jitfasslu sistemi biex jitqies kif il-moħħ tal-bniedem jieħu deċiżjonijiet li jikkonċernaw ir-riskju, u iii) jiġu kkonfigurati mill-ġdid is-sistemi ta' governanza u dawk finanzjarji biex jaħdmu lil hinn mill-kompartimentalizzazzjoni u jitfasslu f'konsultazzjoni mal-persuni milquta.
 - c. Il-Presidenza tal-UE tal-Pjattaforma dwar l-Ispostament minħabba Diżastri bħala opportunità biex jissaħħu l-isforzi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-ispostament tal-popolazzjoni minħabba d-diżastri, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni globali u jiġu appoġġati sħubijiet u proċessi multilaterali.
 - d. Il-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023 bħala opportunità biex issir diskussjoni fl-oġhla livell u jittieħed l-impenn li jsir investiment fl-ilma bħala lieva biex jingħata kontribut għar-reżiljenza, jiġi evitat u jitnaqqas ir-riskju ta' diżastri, u jiġu mobilizzati l-partijiet ikkonċernati u s-setturi kollha biex titħaffef l-azzjoni bl-għan li jintlaħqu l-miri u l-għanijiet relatati mal-ilma tal-Aġenda 2030.

² <https://globalplatform.undrr.org/publication/co-chairs-summary-bali-agenda-resilience>

³ <https://www.undrr.org/publication/european-forum-disaster-risk-reduction-roadmap-2021-2030>

⁴ <https://www.undrr.org/gar2022-our-world-risk>

- e. L-emenda tal-leġiżlazzjoni dwar il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) li tistipula għanijiet tal-Unjoni marbutin mar-reżiljenza għad-diżastri bbażati fuq sitwazzjonijiet attwali u prospettivi, waqt li tirrikonoxxi li l-UCPM jaqdi rwol dejjem akbar fil-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom, u tistabbilixxi Network ta' Għarfien sabiex it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u x-xjenza jiġu inkorporati b'mod sistematiku.
 - f. Id-Dikjarazzjoni tad-Donaturi ta' Għajnuna Umanitarja dwar il-Klima u l-Ambjent⁵ u l-Karta dwar il-Klima u l-Ambjent għall-Organizzazzjonijiet Umanitarji⁶, li ser jiffaċilitaw il-ħidma kollettiva biex jiġu indirizzati l-impatti umanitarji tal-kriżijiet marbutin mal-klima, il-bijodiversità u l-ambjent.
11. **Il-Kunsill jistenna b'interess** il-kontinwazzjoni tad-Djalogu ta' Glasgow fost il-Partijiet tal-UNFCCC, l-organizzazzjonijiet rilevanti u l-partijiet ikkonċernati biex jiġu diskussi l-arranġamenti għall-finanzjament ta' attivitajiet biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, u **jikkonferma mill-ġdid** it-tkomplija tal-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha għall-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tan-Network ta' Santiago mill-aktar fis possibbli, biex tingħata spinta lill-assistenza teknika mmexxija mid-domanda tal-organizzazzjonijiet, il-korpi, in-networks u l-esperti rilevanti għall-implimentazzjoni ta' approċċi rilevanti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.
12. F'dan il-kuntest, **il-Kunsill jappella** lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex:
- a. **Jirrikonoxxu** l-kontributi u l-komplementarjetà fost id-DRR, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u approċċi rilevanti oħra biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara.
 - b. **Jiżguraw** li l-azzjonijiet tal-UE għall-iżvilupp, il-paċi, il-klima u l-azzjonijiet umanitarji jsiru b'kont meħud tar-riskji, biex b'hekk tissaħħaħ il-kapaċità tal-pajjiżi sħab li jieħdu azzjoni preventiva, jindirizzaw il-fatturi sottostanti, jittrattaw xokkijiet u pressjonijiet futuri, u jippreparaw, jipprevjenu, jadattaw u jirrispondu b'mod adegwat għal diżastri.

⁵ https://civil-protection-humanitarian-aid.ec.europa.eu/what/humanitarian-aid/climate-change-and-environment/humanitarian-aid-donors-declaration-climate-and-environment_en

⁶ <https://www.climate-charter.org>

- c. **Jiżguraw** li t-tħejjija għad-diżastri u d-DRR jiġu integrati fil-politika u l-azzjoni umanitarji kif ukoll fil-qasam tal-iżvilupp, u **jippromwovu** r-responsabbiltà ta' finanzjament konġunt fost l-atturi tal-iżvilupp, umanitarji, tal-klima u tal-paċi, filwaqt li jqisu l-ispeċifità ta' kull kuntest u r-riżorsi disponibbli biex jiġi żgurat l-użu tal-aktar għodod ta' finanzjament effettivi u xierqa.
- d. **Jgħaddu** minn rispons reattiv għall-kriżijiet għal azzjoni, finanzjament u ġestjoni tar-riskju aktar proattivi, prospettivi u antiċipatorji u, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji umanitarji u d-dritt umanitarju internazzjonali (IHL), **isaħħu** l-koordinazzjoni, il-koerenza u l-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet u l-atturi umanitarji, ta' żvilupp u ta' paċi (HDP), billi jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda mill-fażi pilota tal-implimentazzjoni tar-rabta tripla tal-HDP, u **jkomplu joperazzjonalizzaw** din ir-rabta fil-pajjiżi rilevanti kollha, kif ukoll jiddokumentaw aktar l-implimentazzjoni effettiva tal-approċċi tad-DRR fil-kuntest tar-rabta tripla.
- e. **Jappoġġaw** l-integrazzjoni ta' azzjoni antiċipatorja fiċ-ċiklu tal-programm umanitarju kif ukoll pjanijiet ta' adattament b'reazzjoni għat-tibdil fil-klima, u t-tisħiħ tal-livell ta' tħejjija u aċċess rapidu għal skemi ta' appoġġ fl-ippjanar tal-iżvilupp.
- f. **Jiżguraw** approċċ sensittiv għall-kunflitti, immexxi lokalment u bi sjieda lokali, bit-tfal fil-qalba tiegħu, reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, inklużiv għal persuni b'diżabbiltà, ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u trasformattiv għad-DRR li jindirizza l-kawżi ewlenin tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri u inugwaljanzi oħra fil-politiki u l-prattiki kollha.
- g. **Isaħħu** l-kooperazzjoni permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa fl-oqsma tad-DRR u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li jqisu l-Inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u r-Reżiljenza fl-Afrika bħala eżempju.

- h. **Jippromwovu** valutazzjonijiet tar-riskju b'rabta mad-diżastri, il-klima u l-ambjent matul l-ippjanar u l-iprogrammar fir-rigward tal-għajnuna umanitarja u l-iżvilupp bħala għodda kruċjali għall-immappjar u l-evalwazzjoni tar-riskji, il-perikli u l-vulnerabbiltajiet, u għall-identifikazzjoni tal-kapaċitajiet disponibbli u meħtieġa biex jitnaqqsu r-riskji eżistenti u jiġi evitat il-ħolqien ta' riskji ġodda, kif ukoll biex tissaħħaħ it-tnejn għad-diżastri. Il-valutazzjonijiet tar-riskju għandhom ikunu speċifiċi għall-kuntest, ibbażati fuq ix-xjenza u għandhom jinkludu analiżi tal-ġeneru. Dawn għandhom jitwettqu mill-perspettiva tal-popolazzjoni milquta, b'mod partikolari l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, sabiex jiġi żgurat l-involvement sinifikanti tagħhom fl-analiżi, fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-implimentazzjoni tal-valutazzjoni nnifisha, filwaqt li jitqiesu kwistjonijiet bħall-ġeneru, l-età, id-diżabbiltà, l-etniċità, l-orijini jew l-identità indiġena u karatteristiċi oħra. Għandha tingħata attenzjoni xierqa lid-diversità, lill-forom multipli u trażversali tad-diskriminazzjoni, kif ukoll lid-dinamika tal-kunflitti.
- i. **Isaħħu** l-governanza għal ġestjoni komprensiva tar-riskju b'rabta mad-diżastri, il-klima u l-ambjent fil-livelli u s-setturi kollha, iżidu l-għarfien tar-riskji ta' diżastri, jippromwovu t-taħriġ u l-eżerċizzju, jiżviluppaw mekkaniżmi ta' koordinazzjoni effettivi u sħubijiet fit-tul bejn awtoritajiet pubbliċi differenti u partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż atturi lokali, popli indiġeni, id-dinja akkademika, istituzzjonijiet ta' riċerka u s-settur privat, kif ukoll organizzazzjonijiet li jaħdmu favur in-nisa, it-tfal u ż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabbiltà u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili. Għandhom jiġu promossi soluzzjonijiet immexxija lokalment, f'konformità mal-Prinċipji għal Adattament Immexxi Lokalment kif miftiehem fil-COP 26 tal-UNFCCC.
- j. **Jippromwovu** t-tfassil u l-implimentazzjoni ta' approċċi ġodda u innovattivi li jkollhom in-nies fil-qalba tagħhom, inkluż il-finanzjament u l-assigurazzjoni għal riskji klimatiċi u għal riskji ta' diżastri, permezz ta' inizjattivi bħat-Tarka Globali kontra r-Riskji Klimatiċi, biex tiżdied l-istabbiltà makroekonomika fil-pajjiżi sħab u tiġi żgurata protezzjoni sistematika, koerenti u sostnuta tal-persuni li jinsabu l-aktar f'riskju u li jgħixu fil-faqar, b'mod partikolari f'pajjiżi fraġli u li qed jiżviluppaw, b'attenzjoni speċjali għal-LDCs u l-SIDS. F'dan ir-rigward, il-kooperazzjoni transfruntiera u reġjonali hija kruċjali għar-reżiljenza fit-tul.

- k. **Jippromwovu** l-koordinazzjoni tal-isforzi fit-trasferiment tat-teknoloġija u t-tiżni tal-kapaċitajiet direttament fir-reġjuni milquta, bl-użu tal-innovazzjoni u approċċi xjentifiċi ġodda, inkluż id-data, sabiex il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jkunu jistgħu jibbenefikaw direttament minnhom, inkluż billi dawn is-soluzzjonijiet isiru disponibbli bħala beni pubbliċi globali. Jappoġġaw lill-pajjiżi sħab fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki u inċentivi għall-promozzjoni ta' investimenti ambjentalment sostenibbli, reżiljenti għall-klima u għad-diżastri u jsaħħu r-reżistenza tal-infrastrutturi għall-klima, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.
- l. **Inaqqsu** l-impronta ambjentali tal-azzjoni tal-UE fil-kuntest tal-azzjoni esterna tagħha.
- m. **Jappoġġaw** l-appell tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex fi żmien ħames snin jiġi żgurat li kull persuna fid-dinja tkun protetta minn sistemi ta' twissija bikrija, abbażi tal-katina tal-valur ta' twissija bikrija minn tarf sa tarf bil-persuni fil-qalba tagħha – mill-valutazzjonijiet tar-riskju sal-infrastruttura u s-sensibilizzazzjoni tal-komunità kollha kemm hi. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-inizjattiva dwar ir-Riskju Klimatiku u s-Sistemi ta' Twissija Bikrija (CREWS)⁷ biex jintlaħaq dak l-għan.
-

⁷ Kif ukoll inizjattivi u għodod rilevanti oħra, bħas-Sistema Integrata ta' Osservazzjoni Globali tad-WMO (WIGOS), is-Sistema ta' Informazzjoni tad-WMO (WIS) u s-Sistema Globali tal-Ipproċessar u t-Tbassir tad-Data (GDPFS), il-Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni tad-WMO (WCM), is-Sistema Globali ta' Twissija ta' Perikli Multipli (GMAS), in-Network Globali ta' Osservazzjoni Bażika (GBON), il-Faċilità Finanzjarja ta' Osservazzjoni Sistematika (SOFF), il-Viżjoni u l-Istrateġija tad-WMO għall-Idroloġija u l-Pjan ta' Azzjoni assoċjat, il-Koalizzjoni għall-Ilma u l-Klima, l-Alleanza għall-Iżvilupp Idrometeoroloġiku u sħubijiet oħra mal-Bank Dinji, il-Fond Ekoloġiku għall-Klima (GCF), il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), is-settur privat u entitajiet oħra.